

- 2) Billi żammet, fit-tassazzjoni tal-vetturi bil-mutur, l-istess valur taxxabbi għall-vetturi bil-mutur ta' inqas minn tliet xhur bħal dak tal-vetturi bil-mutur ġonna, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 90 KE.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Ir-repubblika tal-Finlandja għandha tħalli, barra mill-ispejjeż tagħha, tliet kwarti tal-ispejjeż tal-Kummissjoni tal-komunitajiet Ewropej.
- 5) Il-Kummissjoni tal-komunitajiet Ewropej għandha tħalli l-bqija tal-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 79, 29.3.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-26 ta' Marzu 2009 — Sunplus Technology Co. Ltd vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Sun Microsystems Inc.**

(Kawża C-21/08 P) (<sup>1</sup>)

**(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark figurattiva u verbali SUNPLUS — Oppożizzjoni tal-proprietarju tat-trade marks verbali nazzjonali SUN — Reġistrazzjoni rrifjuta)**

(2009/C 113/18)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

## Partijiet

**Appellant:** Sunplus Technology Co. Ltd (rappreżentant: K. Lochner u H. Gauß, Rechtsanwälte)

**Appellati:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, bħala aġġent), Sun Microsystems Inc. (rappreżentant: M. Graf, Rechtsanwalt)

## Suġġett

Appell imressaq kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tal-15 ta' Novembru 2007, Sunplus Technology Co. Ltd vs UASI (T-38/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet rikors ippreżzentat mill-applikant tat-trade mark figurattiva "SUNPLUS" għal prodotti fil-klassi 9 kontra d-Deċiżjoni R 642/2000-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tas-7 ta' Ottubru 2003, li ċaħdet ir-rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li ċaħdet ir-reġistrazzjoni ta' din it-trade mark fil-kuntest tal-proċedura ta' oppożizzjoni mressqa mill-proprietarju tat-trade marks nazzjonali figurattivi u verbali "SUN" għal prodotti fil-klassi 9 — Xebh bejn it-trade marks — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta'

Dicembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (GU L 11, p. 1).

## Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Sunplus Technologoy Co. Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 64, 8.3.2008.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tad-19 ta' Marzu 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Graz — L-Awstrija) — Dachsberger & Söhne GmbH vs Zollamt Salzburg, Erstattungen**

(Kawża C-77/08) (<sup>1</sup>)

**(Rifużjoni fuq l-esportazzjoni — Rifużjoni differenzjata — Mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni — Dikjarazzjoni tal-esportazzjoni — Nuqqas ta' prova tat-twettiq tal-formalitajiet għar-rilaxx għall-konsum fil-pajjiż ta' destinazzjoni — Sanzjoni)**

(2009/C 113/19)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinvij

Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Graz

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dachsberger & Söhne GmbH

Konvenut: Zollamt Salzburg, Erstattungen

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Graz — Interpretazzjoni tat-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3665/87, tas-27 ta' Novembru 1987 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjoni jiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agricolli (ĠU L 351, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2945/94, tat-2 ta' Diċembru 1994, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3665/87 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjoni jiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agricolli fdak li jirrigwarda l-ħlas lura ta' ammonti li tħall-su indebitament u l-penali (ĠU L 310, p. 57) — Kunċett tat-talba tal-parti differenzjata tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni — Applikazzjoni tas-sanzjoni fil-każ ta' indikazzjoni ineżatta dwar il-pajjiż ta' destinazzjoni magħmula fid-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni